MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 59/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. T. Micallef)**
**Vs**
**Raymond Debattista**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-20 ta' Jannar, 2008 ghall-habta ta' 00.10 hrs, bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-licenzja ta' *substitute* tal-hanut ta' l-inbid, birra w xorb spirituz bl-isem ta' "Peppermint Park" li jinsab gewwa Triq Wilga, San Giljan, ippermetta tfal taht is-sittax-il (16) sena biex jidhlu fil-post imsemmi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Frar, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 18 ta' l-avviz legali 392/29, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal twiddiba w twissija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-29 ta' Frar, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata w minflok tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w riavvizata mid-difiza.

Semghet ix-xhieda ta' Zak Cachia fl-udjenza tal-lum.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkoncerna l-fatt illi ma saritx il-prova li l-appellant huwa l-"*licencee*" tal-istabbiliment "Peppermint Park". Anzi l-Ewwel Qorti kienet ordnat l-isfilz ta' l-uniku dokument li seta' jaghmel tali prova peress li tali dokument ma kienx gie konfermat bil-gurament.

Fic-cirkostanzi, tara li ma saritx il-prova skond il-Ligi li fil-fatt Raymond Debattista kien il-*"licencee"* ta' l-imsemmi stabbiliment u ghalhekk il-bazi tal-azzjoni kriminali fil-konfront tieghu hija priva minn prova mehtiega importanti li minghajrha ma tistax tinstab htija.

Ghal dawn ir-ragunijiet tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------